Djoċesi ta' Għawdex
# Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi
Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi

Nru. 453 SETTEMBRU 2014

## 150 SENA MIT-TWAQQIF TAD-DJOĊESI TA' GĦAWDEX
**1864 – 16 ta' Settembru - 2014**

Id-Djoċesi ta' Għawdex (li tinkludi wkoll lil Kemmuna) twaqqfet mill-Papa Piju IX permezz tal-Bolla *Singulari Amore* (B'Imħabba liema bħala).

Din il-ġrajja se titfakkar b'diversi inizjattivi mifruxa matul is-sena. Inħadem logo tal-okkażjoni, xogħol ta' Dun Roberto Gauci.

GĦAWDEX 150 Sena Djoċesi
1864 2014

### Programm tas-16 ta' Settembru:

- **Tinżamm ġurnata adorazzjoni fil-parroċċi u fil-knejjes kollha**
- **Tindaqq Mota Solenni (6.00pm)**
- **Mons. Isqof Mario Grech imexxi Konċelebrazzjoni Solenni ta' Radd il-Ħajr (Katidral – 7.00pm)**

L-aħħar quddies fil-parroċċi u fil-knejjes ikun fil-5.00pm. Inħeġġu lill-Insara biex jieħdu sehem fil-quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Katidral.

---

## STEDINA LILL-OPERATURI PASTORALI, MEMBRI TAL-GĦAQDIET, GĦALLIEMA, YOUTH WORKERS U KATEKISTI

Il-Ġimgħa 19 ta' Settembru se ssir konferenza fis-sala tas-Seminarju bit-tema **"Healing Victims of Abuse"**. Tingħata wkoll esperjenza minn persuna barranija li kienet sofriet abbuż.
Il-Konferenza tibda fis-7.00pm.

---

## Mill-Bitħa tal-Ġentili...
***Siltiet qosra mill-omeliji tal-Isqof Mario Grech***

Min jixtieq jibda jirċievi messaġġi qosra mill-omeliji tal-Isqof permezz tal-email, għandu jibgħat email lil: millbithatalgentili@gozodiocese.org.




## FUN GAMES GĦALL-ADOLEXXENTI




Nhar is-Sibt, 6 ta' Settembru, is-Salesjani ta' Don Bosco se jkunu fostna Għawdex u se jorganizzaw ġurnata (9.00am – 4.00pm) fun games għall-adolexxenti (12-15-il sena). Il-fun games se jsiru fiċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb. Nistiednu lil dawk interessati li jipparteċipaw biex jikkuntattjawna sa mhux aktar tard mill-Erbgħa 3 ta' Settembru. Ikollna bżonn in-numru tal-parteċipanti.

**Programm**:

- 09:00: Quddiesa
- 09:30: Dry Games
- 13:00: Break
- 14:00: Wet Games (bl-ilma)

**Il-parteċipanti** jħallsu €7 kull wieħed/waħda, u jġibu magħhom malja, Kappell/Beritta, xugaman, sport shoes.

L-organizzaturi se joffru timpana u drink għal kull parteċipant/a.

**SETTEMBRU 2014** | # KALENDARJU PASTORALI | **Numru 453**

| | |
|---|---|
| 1.It-Tnejn | San Eġidju ,Eremita. Tikira. |
| 2.It-Tlieta | S. Massima ta' Ruma, Martri. Tifkira |
| 3.L-Erbgħa | San Girgor il-Kbir, Papa u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O). |
| 4.Ħamis | San Lawrenz Giustiniani. Tifkira |
| 5.Il-Ġimgħa | L-Ewwel Il-Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Quddiesa għall-Professjonisti fil-Knisja ta' Santu Wistin, Victoria fit-8.30pm. |
| 6.Is-Sibt | L-Ewwel Is-Sibt tax-xahar.<br>Tifkira tat-twaqqif tal-Leġjun ta' Marija (Santwarju Ta' Pinu: Rużarju: 6.00pm; quddiesa: 6.30pm).<br>Lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Santu Wistin, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u Nofsillejl). |
| **7.Il-Ħadd** | **It-23 Il-Ħadd tas-Sena.Sena A.**<br>Tifkira tal-Bidu tal-Leġjun ta' Marija (7 ta' Settembru 1921). |
| **8. It-It-Tnejn** | **It-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija. Festa.**<br>Jum il-Vitorja. Festa Nazzjonali.Festa ta' Marija Bambina (Parroċċa Xagħra/Knisja ta' Savina, Victoria). |
| 9. It-Tlieta | San Pietru Claver, Presbiteru. Tifkira. |
| 10. L-Erbgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani. |
| 11. Ħamis | Laqgħa tal-Kappillani mal-KDF (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II - 7.00pm). |
| 12.Il-Ġimgħa | L-Isem ta' Marija. Tifkira.<br>BBQ għall-gruppi tal-Vokazzjonijiet (Forms 4-6). |
| 13.Is-Sibt | San Ġwann Kriżostmu, Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>Il-5 dehra tal-Madonna ta' Fatima fil-Knisja ta' Ħamet. Fil-5.30pm adorazzjoni solenni u fis- 6.30pm quddiesa u wara pellegrinaġġ ta' talb .<br>Lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Ħamet, ix-Xewkija - Quddies: 8.30pm u Nofsillejl). |
| **14.Il-Ħadd** | **Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes.**<br>Festa tal-Madonna tal-Grazzja (Knisja tal-Kapuċċini, Victoria). |
| 15.It-Tnejn | Il-Verġni Mqaddsa Marija tad-Duluri. Tifkira (0).<br>**Irtir għas-saċerdoti** f'Manresa mill-15 -19 ta' Settembru. Jimexxa minn Fr. Christopher Vella S. J. |
| **16. It-Tlieta** | **Il-150 Anniversarju tat-Twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex. Festa.**<br>Ġurnata Adorazzjoni fil-parroċċi u fil-knejjes kollha. Pontifikal fil-Katidral (7.00pm). |
| 17.L-Erbgħa | San Roberto Bellarmino, Isqof u duttur tal-Knisja. Tifkira. |
| 18.Ħamis | San Ġużepp ta' Copertino. Tifkira. |
| 19.Il-Ġimgħa | San Ġennaru, Isqof u Martri. Tifkira.<br>*Healing Victims of Abuse*: Laqgħa ma' għalliema, youth workers, katekisti, membri tal-Għaqdiet, operaturi pastorali (Seminarju - 7.00pm). |
| 20.Is-Sibt | San Andrea Kim Taegon, Presbiteru, u Sħabu, Martri. Tifkira (O).<br>*Healing Victims of Abuse*: Laqgħa mas-saċerdoti (Seminarju - 9.00am).<br>Inawgurazzjoni Ufficcjali taċ-Ċinema Diġitali fl-Oratorju Don Bosco (7.45pm). Fl-Oratorju jintwera l-Film NOAH.<br>Lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u Nofsillejl). |
| **21.Il-Ħadd** | **Il-25 Il-Ħadd tas-Sena. sena A.**<br>Jum l-Indipendenza (Festa Nazzjonali).<br>Fl-Oratorju jintwera l-Film NOAH. |
| 22. It-Tnejn | Laqgħa għall-Uffiċjali tal-*Curiae* (Leġjun ta' Marija). |
| 23.It-Tlieta | San Piju ta' Pietrelcina, Presbiteru. Tifkira (O). |
| 26.Il-Ġimgħa | San Kosma u San Damjan, Martri. Tifkira. |
| 27.Is-Sibt | San Vinċenz de Paul, Presbiteru. Tifkira (O).<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa tal-Għarb mis- 7.30pm – 9.30pm<br>Lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u Nofsillejl). |
| 28.Il-Ħadd | **Is-26 Il-Ħadd tas-Sena. Sena A.** |
| 29.It-Tnejn | L-Arkanġli Mqaddsa, San Mikiel, San Gabriel u San Rafiel. Festa.<br>Kunsill Pastorali (Ċentru Ragħaj it-Tajjeb - 7.30pm). |
| 30.It-Tlieta | San Ġilormu presbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O). |

**INĦEĠĠU LIL KULLĦADD SABIEX JATTENDI GĦAL-LAQGĦAT TA' FORMAZZJONI NISRANIJA, KEMM FIL-PARROĊĊI/KNEJJES KIF UKOLL FIL-MOVIMENTI EKKLEŻJALI.**

**"IT-TAGĦLIM HUWA L-GĦAJN TA' KULL ĠID" (San Ġorġ Preca)**